MALTA

# QORTI CIVILI

## PRIM' AWLA

### ONOR. IMHALLEF

### ANNA FELICE

Seduta tal-11 ta' Marzu, 2015

Citazzjoni Numru. 1760/1993/1

**Helen Zammit f'isimha proprju u bhala prokuratrici tal-imsiefrin hutha Guzeppi, Kostantinu, Giljan u Maria mart Anthony Spiteri, u Antonia mart Charles Azzopardi, ulied u werrieta tal-mejtin Carmelo u Guzeppa nee' Borg**

**vs**

**Joseph Ellul u b'digriet tal-Qorti tal-10 ta' Gunju 2003 gew trasfuzi l-atti f'isem Clint Whitelaw minflok l-konvenut Joseph Ellul li miet fil-mori tal-kawza**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni mressqa minn Helen Zammit f'isimha proprju u bhala prokuratrici tal-imsiefrin hutha Guzeppi, Kostantinu, Giljan u Maria mart Anthony Spiteri, u Antonia mart Charles Azzopardi, ulied u werrieta tal-mejtin Carmelo u Guzeppa nee' Borg, li permezz taghha, wara li gie premess illi:

L-atturi proprio u nomine huma s-sidien tal-art imsejha Ta' Kappara kif indikata bil-blue fuq l-anness pjanta markata Dok. A.

U peress li l-atturi huma sidien ta' din l-art permezz ta' kuntratt ta' divizjoni tad-19 ta' Jannar 1989 fl-atti tan-Nutar Tonio Spiteri (Dok. B).

Peress li l-konvenut invada l-art tal-atturi kif indikat bl-ahmar fuq il-pjanta annessa Dok. "A".

Peress li l-konvenut irrifjuta li jnehhi l-bini li ghamel minn fuq l-art taghhom dan baqa' jwebbes rasu.

Peress li nhareg mandat ta' inibizzjoni numru 1502/90 kontra l-konvenut u xorta wahda baqa' jibni.

Intalbet din il-Qorti biex:

1. Tikkonferma l-mandat ta’ inibizzjoni numru 1502/90 kontra l-konvenuti.

2. Tiddikjara lill-konvenut invada l-art tal-atturi kif premess mill-atturi.

3. Tikkundanna lill-konvenut sabiex fi zmien qasir u perentorju li tiffissalu l-Qorti ihott u jiddemolixxi dak kollu li bena fuq l-art tal-atturi u dana taht id-direzzjoni ta’ perit nominand u

4. In difett, l-atturi m’ghandhomx ikunu huma stess awtorizzati, jaghmlu x-xogholijiet ta’ demolizzjoni u hatt a spejjez tal-konvenut taht id-direzzjoni tal-istess perit nominand.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni tieghu.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut li in forza taghha gie eccepit illi:

Preliminarjament il-Prim’Awla tal-Qorti Civili mhijiex il-Qorti kompetenti biex tiehu konjizzjoni tal-kawza.

Qabel xejn, l-atturi jridu jgibu prova li huma osservaw id-disposizzjonijiet tal-artikolu 40 tal-Att dwar it-Taxxa tal-mewt u tad-Donazzjoni (Kap. 239).

L-attrici li qeghdha tidher f'isem persuni ohra tehtieg li ggib il-prova tal-kwalità taghha.

Il-konvenut jippossjedi l-art *de quo* skond il-Ligi u ghalhekk lill-atturi jehtigilhom jgibu l-prova tat-titolu pretiz minnhom.

Fi kwalunkwe kaz, jekk ikun pruvat li saret xi invazjoni tal-art da parti tal-konvenut, din saret in bona fede u ghaldaqstant hemm lok ghall-accessjoni kif titlob il-ligi fl-art. 571 tal-kodici Civili (Kap. 16).

Salve eccezzjonijiet ohra jekk ikun il-kaz.

Rat is-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta tas-7 ta' Mejju 1991 li permezz taghha l-Qorti laqghet l-ewwel eccezzjoni u ddikjarat li kienet inkompetenti li tiehu konjizzjoni tal-kawza "rationae materiae".

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell pronunzjata fid-29 ta' Novembru 1993 fejn is-sentenza giet konfermata u l-atti mibghuta lill-Qorti tal-Kummerc.

Rat illi, minkejja li ma jirrizultax mill-atti ta' din il-kawza, jirrizulta illi din il-kawza mxiet ma' kawza Nru. 935/93 pendenti dwar l-istess mertu bejn l-istess partijiet, liema kawza qed tigi deciza illum.

Rat id-dokumenti esibiti.

Rat il-verbali tas-seduti.

Rat ir-rapporti tal-periti teknici.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi din hija kawza dwar invazjoni ta' proprjetà. Issa dwar l-istess cirkostanzi kienet digà nfethet kawza ohra bejn l-istess partijiet fejn it-talbiet kienu differenti. Skond digriet ricentissimu ta' din il-Qorti kif presjeduta (it-tmien gudikant minbarra l-Qorti tal-Appell li ddecidiet l-eccezzjoni preliminari) il-provi ta' wahda kellhom jghoddu ghall-ohra.

Ghar-rigward tal-eccezzjonijiet l-ohra ta' natura preliminari ma tirrizulta ebda insistenza dwarhom u l-Qorti qeghda tqis li huma sorvolati.

L-ewwel talba f'din il-kawza hija ghall-konferma ta' mandat ta' inibizzjoni. Issa, kif irriteniet il-Qorti tal-Kummerc fil-kawza Sullivan vs Stivala (17 ta' Marzu 1992):

> *"il-ligi trid li mandati simili jigu msahhin u mwettqa b'citazzjoni, li tkun allura allaccjata mal-pretensjoni tar-rikorrenti u mhux ma rikonferma ta' digriet già moghti fil-kaz tal-mandat jew mandati. Certament ghalhekk it-talba kif maghmula hija improponibbli ghax ma hijiex kontemplata mill-ligi."*

Ukoll fis-sentenza Galea vs Gauci (Prim'Awla 4 ta' Ottubru 1993);

> *"tali talba attrici ma hijiex permessa fil-ligi taghna billi twassal ghall-inibizzjoni perpetwa tal-konvenut milli jaghmel dak imsemmi fil-mandat minghajr ma jigi stabbilit jekk l-attur ghandux il-jedd, li rrizulta prima facie pruvat fil-proceduri tal-mandat."*

U fis-sentenza Abdilla vs Deguara (Prim'Awla 4 ta' Marzu 1999):

> *"ma tezisti ebda azzjoni ghall-kawtela permanenti u perpetwa tad-drittijiet ut sic fl-astratt, kif lanqas tezisti ebda azzjoni sabiex mandat kawtelatorju jigi estiz permanentement jekk mhux bil-prova u osserzjoni tad-dritt sostantiv nnifsu."*

Ghalhekk din l-ewwel talba qeghda tigi michuda.

L-atturi qed jitolbu ukoll dikjarazzjoni illi l-konvenut invada l-proprjetà taghhom bil-kostruzzjonijiet tieghu. Din it-talba qeghda tigi milqugha minn din il-Qorti llum stess permezz tas-sentenza taghha fil-kawza 935/93 u ghaliha din il-Qorti taghmel pjena referenza.

Il-Qorti tinnota illi, ghalkemm ma jidhirx li kien hemm rinunzja tat-talbiet numru tlieta u numru erbgha tac-citazzjoni, peress

illi din il-kawza kienet dejjem miexja ma' kawza ohra fejn il-Qorti llum stess ordnat li l-atturi jigu risarciti, il-Qorti tqis li ma baqa' ebda nteress fit-talba li l-art terga' tigi ripristinata. Il-Qorti qeghda ghalhekk tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' dawn iz-zewg talbiet.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tichad l-ewwel talba; tilqa' t-tieni talba kif dedotta, tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet u r-raba' talba.

L-ispejjez jithallsu mill-konvenut hlief ghal dawk relatati mas-sentenzi tas-7 ta' Mejju 1991 u 29 ta' Novembru 1993 li ghandhom jithallsu mill-atturi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------